Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Maria Dolores Borg *versus* Ivy Debono

**Inġurja — "Bis in Idem" — Rinunzja — "Giusto Dolore".**

*Meta inġurja tolqot lil diversi persuni individwalment, u mhux kolleġjalment, kull waħda mill-persuni offiżi tista' tipproċedi kontra l-offensur akkont tagħha partikulari; għaliex ikun hemm tant delitti kemm ikunu l-persuni inġurjati, u għalhekk numru ugwali ta' azzjonijiet indipendenti waħda mill-oħra. Konsegwentement il-kwerelat ma jistax jopponi kontra l-kwerelant ir-"res judicata"*

*fuq il-motiv li huwa ġà ġie azzjonat minn persuna oħra li kienet kolpita hija wkoll b'dik l-inġurja.*

*Jekk il-kawża ta' qabel spiċċat bi transazzjoni li fiha l-kwerelant fil-kawża susseġwenti ma kienx parti, u għalhekk f'dik l-ewwel saret rinunzja għall-kwerela, dik ir-rinunzja ma tistax tingħad li saret ukoll mill-kwerelant fil-kawża susseġwenti.*

*L-iskużanti tal-"giusto dolore", li f'reati oħra hija biss minoranti, fl-inġurja tista' tkun dirimenti assoluta. Però għandhom jiġu valutati ċ-ċirkustanzi tal-każ; u huma dejjem meħtieġa ċerti rekwiżiti, fosthom illi r-reazzjoni tkun immedjata, u illi l-fatt li kontra tiegħu ssir ir-reazzjoni ikun fatt illeġittimu.*

Fuq kwerela miġjuba minn Maria Dolores Borg kontra l-imsemmija Ivy Debono, talli din inġurjatha b'ittra, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, bis-sentenza tagħha tat-23 ta' Novembru 1948, sabet lill-imsemmija Debono ħatja, u kkundannatha għall-piena tar-riprensjoni u ta' l-ammonizzjoni, u għall-ħlas ta' l-ispejjeż tal-kawża;

Il-kwerelata appellat;

Trattat l-appell, dina l-Qorti................ għamlet dawn ir-riflessjonijiet;

Dwar il-fatti ma tantx hemm kontestazzjoni..............;

Id-difensur tal-kwerelata ssolleva diversi punti legali, li għalhekk joffru ruħhom għas-soluzzjoni minn dina l-Qorti;

L-ewwelnett id-difiża eċċepiet li la l-ittra diġà ffurmat il-meritu tal-kawża "Carmelo Pirotta vs. Ivy Debono", transatta b'espressjoni ta' dispjaċir quddiem il-Qorti Inferjuri fis-27 ta' Lulju 1948, għalhekk ma tistax issir kawża oħra fuqha;

Dina l-eċċezzjoni temmonta sostanzjalment għall-eċċezzjoni tan-"non bis in idem";

Issa mil-lettura ta' l-ittra hu ċar li dina tolqot tlieta min-nies fosthom lill-kwerelanti. Kull waħda minnhom hija offiża individwalment, u mhux kolleġjalment. F'każ simili, kif jirritjeni l-Carrara (Prog. Parte Speciale, Vol. III, para. 1836), kull waħda tista' tipproċedi kontra l-offensur akkont tagħha partikulari, għaliex hemm tant delitti kemm hemm persuni inġurjati, u għalhekk hemm numru ugwali ta' azzjonijiet, indipendenti waħda mill-oħra. Dan il-prinċipju ġie segwit mill-Imħallef Dr. Luigi Camilleri, ġà sedenti f'din

il-Qorti, fl-appell "Mifsud vs. Piscopo", 3 ta' Diċembru 1927;

Konsegwentement ma jistax ikun hemm l-ostakolu tar-"res judicata". Meta wieħed jenunċja l-prinċipju tar-"res judicata" f'sedi kriminali, ikun qiegħed jgħid illi għall-istess fatt li fuqu sar proċediment u ġie definitivament ġudikat, ma tistax terġa' tiġi eżerċitata l-azzjoni kriminali, li għandha titqies f'każi simili estinta. Però, kif josserva l-Lucchini, Elementi di Procedura Penale, pag. 116:— "La cosa giudicata intanto ha forza di estinguere l'azione penale in quanto si riferisca al fatto che fu oggetto del procedimento e alla persona che ne fu soggetto passivo; onde i suoi due requisiti fondamentali (1) identità del fatto, (2) identità della persona". Ara anki App. Krim. "La Polizia vs. Costantino Balzan", 12 ta' Lulju 1930, sedenti l-Imħallef Prof. Ganado, fejn, għalbiex ikun hemm il-ġudikat penali, ġie ritenut meħtieġ anki l-element tal-"eadem persona";

Issa, f'dana l-każ, kif ingħad, ma hemmx dan l-element, għaliex għalkemm l-ittra hi l-istess, mhix l-istess il-persuna li qiegħda tipproċedi kontra l-offensur. Kwindi dina l-eċċezzjoni hi bla bażi legali;

Id-difensur Dr. Borg Grech issolleva anki l-eċċezzjoni li bit-transazzjoni li saret fil-kawża fuq imsemmija "Pirotta vs. Debono", kien hemm rinunzja, għaliex l-ispiritu ta' dik it-transazzjoni kien li l-biċċa kollha kemm hija, involut min hu involut fiha, tintnesa;

Ma hemm l-ebda dubju li kien ikun desiderabili li jkun hekk, biex dan l-inkwiet tal-familji, li sfortunatament iġib eżaċerbazzjoni akbar minn dak bejn barranin, jispiċċa. Mill-punto di vista tal-liġi però, lanqas dan it-tieni appunt ma jista' jiġi sostnut. It-transazzjoni li saret fil-kawża "Pirotta" ġiet verbalizzata, u kienet hekk konċepita (ara fol. 25):— "Il-kwerelata, preżenti.............. il-papà tagħha jiddispjaċiha mill-inċident. Tobliga ruħha li tħallas l-ispejjeż. Il-kwerelant jirrinunzja. Il-kwerelata taċċetta";

Hu ċar li r-rinunzja kienet biss tal-kwerelant, apparti li hu diffiċli li wieħed jimmaġina kif, f'kawża li kienet intentata biss minn missier il-kwerelanti għan-nom tiegħu (Carmelo Pirotta), setgħu jirrinunzjaw anki persuni mhux

parti f'dik il-kawża. Ir-rinunzji, kif inhu paċifiku, ma jistgħux jiġu preżunti; u għad li jistgħu jkunu taċiti, huma dejjem "di stretto diritto", b'mod li ma jistgħux jiġu inferiti ħlief minn fatt li bilfors jieħu għall-konklużjoni li d-dritt ġie abbandunat (ara d-diversi deċiżjonijiet riportati taħt il-Voce "Rinunzia" fir-Repertorio Coen). Issa, f'dan il-każ, mhux talli rinunzja espressa ma kienx hemm, imma anki ma jirriżulta ebda fatti li minnu wieħed jista' jargumenta ineluttabilment il-volontà tal-kwerelanti. Bħala persuna msemmija wkoll f'dik l-ittra tal-kawża "Pirotta", li tirrinunzja hija wkoll. Id-dispjaċir tal-kwerelata, għandu wkoll jingħad, kien loġikament riferibili għal dik il-kawża biss;

L-aħħar eċċezzjoni tad-difiża hi illi hemm il-"giusto dolore" li għandu jeskludi l-azzjoni ta' l-inġurja:

Mhux kontrastat (u del resto lanqas kien ikun hemm lok għal dan il-kuntrast) li l-kliem ta' l-ittra huma materjalment inġurjużi għall-kwerelanti............... Dippjù, lill-kwerelanti hu addebitat (flimkien ma' missierha) it-tort ta' l-inkwiet...............;

Mit-ton ta' l-ittra u mill-fatt li nkitbet meta t-tifla kienet taħt l-orgażmu li ommha kienet l-isptar, jidher li l-kwerelata kienet iddispjaċuta;

Il-Carrara (ibidem, para. 1824), javverti illi, mentri f'reati oħra l-iskuża tal-"giusto dolore" hi biss minoranti, fil-każ ta' inġurja tista' tkun dirimenti assoluta. Igħid dan l-awtur:— "In una parola, quelle condizioni dell'animo che in altri reati servono soltanto di scusa, perchè lasciano d'ordinario la coscienza di delinquere, divengono spesso nell'ingiuria cause dirimenti, perchè escludono l'animo di ingiuriare";

Però hu evidenti li għandhom jiġu valutati ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ. L-awtur Strykio u l-istess Carrara, kif ukoll oħrajn, bħal Klock, Tiraqueau, Grantz u Werner, jagħtu diversi eżempi li fihom il-"giusto dolore" jopera bħala skriminanti fl-inġurja; u minnhom jidher ċar li hemm bżonn, fost oħrajn, żewġ rekwiżiti, ċjoè illi r-reazzjoni tkun immedjata, u illi l-fatt li kontra tiegħu ssir ir-reazzjoni jkun illeġittimu. Hekk, per eżempju, fil-każ tipiku eżemplifikat mill-Carrara, li fih ir-raġel, li jaqbad il-mara f'infedeltà "in flagrante",

jindirizza kliem ingurjuži lilha u lid-"dudo" tagħha. Issa, f'dan il-każ ir-reazzjoni ma kienetx immedjata, għaliex biex tinkiteb ittra bilfors ikun hemm ċertu grad ta' riflessjoni u ta' deliberazzjoni. Minbarra dan, ma ġie bl-ebda mod pruvat li l-kwerelanti għandha xi tort għall-inkwiet li hemm; it-tifla ħasbet hekk, sta bene, imma ma hemm ebda prova. Għalhekk ma hemmx l-iskriminanti opposta mid-difiża;

L-sentenza appellata hi għalhekk sewwa. Biss dina l-Qorti, in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, li taħthom aġixxiet il-kwerelata, u l-età tagħha immatura, jidhrilha li għandha tagħti l-provvediment infraskritt għar-rigward tal-"conduct sheet" tat-tifla;

Għal dawn ir-raġunijiet dina l-Qorti tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-kwerelata. Onorarju tad-difensuri................;

U tordna, wara li rat l-art. 8 tal-Kap. 118, li dina l-kundanna ma tiġix reġistrata fil-"conduct sheet" tal-kwerelata.